



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.12.2012
COM(2012) 727 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Inressqu ż-Żgħażaġħ lejn l-Impjiegi

{SWD(2012) 406 final}

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL- KUMITAT TAR-REĠJUNI

Inressqu iż-Żgħażaġħ lejn l-Impjiegi

I. DAĦLA

Il-kriżi li l-Ewropa ilha għaddejja minnha mill-2008 qed tħalli impatt eċċezzjonalment ħażin u dejjem akbar fuq iż-żgħażaġħ: ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġħ kienet 22,7% fit-tielet kwart tal-2012, id-doppju tar-rata tal-qgħad fost l-adulti¹, u ma jidhru ebda sinjali ta' titjib. Lil hinn mill-effetti immedjati tal-kriżi, il-problemi strutturali fis-sistema edukattiva u fis-suq tax-xogħol kienu qed itawlu u jxekklu t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol. Iż-żgħażaġħ kienu f'sitwazzjoni diffiċli aktar mill-adulti għal żmien twil wisq. Li tkun qiegħed f'età żgħira jista' jħalli impatt negattiv fit-tul, "effett dejjiem". Apparti r-riskji akbar li jkunu qiegħda fil-ġejjieni, dawn iż-żgħażaġħ jinsabu friskju akbar li jiġu esklużi, jaqgħu fil-faqar u li jbatu problemi tas-saħħa². Rimedji effettivi huma meħtieġa b'urġenza.

Sena ilu, il-Kummissjoni adottat l-Inizjattiva ta' Opportunitajiet għaż-Żgħażaġħ³ (YOI), li ssejjaħ lill-UE u l-Istati Membri għal azzjoni biex jitjiebu l-impjiegi taż-żgħażaġħ. Kienu mmobilizzati l-Fondi Strutturali tal-UE biex jiżdied l-appoġġ għaż-żgħażaġħ u r-riżorsi finanzjarji għall-miżuri ta' politika, u issa qed jiġu ffinanzjati proġetti ta' investiment. Minn dak iż-żmien l'hawn, kemm il-Kunsill Ewropew⁴ kif ukoll il-Parlament Ewropew⁵ enfasizzaw mill-ġdid l-importanza kruċjali u l-urġenza li jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażaġħ, billi joħorġu fid-deher il-potenzjal għal inizjattivi dwar il-garanziji għaż-żgħażaġħ u dwar qafas ta' kwalità għall-esperjenzi ta' taħriġ. Dan l-aħħar il-Kummissjoni adottat ukoll il-pakkett "Ħsibijiet ġodda dwar l-edukazzjoni"⁶.

Din il-Komunikazzjoni u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD) tal-Kummissjoni⁷ li hemm magħha, jippreżentaw l-azzjoni li ttieħdet fuq livell ta' UE u nazzjonali biex tiġi

¹ L-indikaturi ewlenin tal-Eurostat dwar il-Forza tax-Xogħol, dejta ta' kull tliet xhur li hija aġġustata b'mod staġonali, l-età żagħżuġha hija definita bħala inqas minn 25 sena, l-età tal-adulti bħala akbar minn 25 sena.

² L-istatus tal-qagħda taż-żgħażaġħ (li jakkumpanja r-Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ) SWD(2012) 257 tal-10 ta' Settembru 2012.

³ COM(2011) 933 tal-20 ta' Diċembru 2011.

⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, EUCO 76/12 tad-29 ta' Ġunju 2012 u EUCO 156/12 tad-19 ta' Ottubru 2012.

⁵ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Inizjattiva ta' Opportunitajiet għaż-Żgħażaġħ (2012/2617 (RSP)) tal-24 ta' Mejju 2012.

⁶ COM(2012) 669 tal-20 ta' Novembru 2012. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-koperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020") (2009/C 119/02 tat-28 ta' Mejju 2009.) u l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ (COM(2009) 200 finali tas-27 ta' April 2009) jipprovdu wkoll qafas rilevanti għal sforzi komuni Ewropej fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi għaż-żgħażaġħ.

⁷ SWD(2012) 406 tal-5 ta' Diċembru 2012.

implimentata l-YOI (inkluż permezz ta' 28 tabella b'fatti dwar il-pajjiżi). Il-Komunikazzjoni mbagħad tippreżenta aktar inizjattivi konkreti proposti mill-Kummissjoni ħalli jitmexxew 'il quddiem mill-Istati Membri u s-sħab soċjali, biex jiġu indirizzati l-problemi strutturali differenti u l-problemi għal żmien qasir wara l-kriżi fl-impjiegi fost iż-żgħażaġh.

Iż-żgħażaġh jiltaqgħu ma' bosta problemi meta jimxu mill-edukazzjoni għax-xogħol. F'ħafna mill-pajjiżi, regolazzjoni ineffettiva tas-suq tax-xogħol jew istituzzjonijiet li f'it li xejn jiffunzjonaw tajjeb qed jagħmluha aktar diffiċli għaż-żgħażaġh biex isibu impjeg stabbli. Ħafna minnhom jibqgħu mingħajr għajnuna jekk jieqfu mill-iskola jew jekk isibuha bi tqila biex isibu impjeg. Aktar riżultati favorevoli fis-suq tax-xogħol jistgħu jiġu osservati f'pajjiżi fejn hemm proporzjon ogħla ta' studenti li jsegwu esperjenzi ta' taħriġ ta' kwalità jew li jieħdu esperjenza ta' xogħol bħala parti mill-edukazzjoni u t-taħriġ tal-bidu, jew f'pajjiżi li għandhom sistemi tal-apprentistat stabbiliti sew⁸. Il-mobbiltà ġeografika tista' tgħin ukoll biex tinstab soluzzjoni għan-nuqqas ta' tlaqqiġ lokali bejn il-provvista u d-domanda għall-ħaddiema żgħażaġh. It-Tabella 1 tagħti ħarsa ġenerali ħafifa tat-tipi ta' miżuri li jistgħu jgħinu biex tiġi indirizzata kull waħda minn dawn il-problemi. Imbagħad l-inizjattivi ppreżentati mill-Kummissjoni huma spjegati fid-dettall fit-taqsimijiet ta' wara.

Tabella 1: Il-problemi li jaffettwaw l-impjiegi taż-żgħażaġh indirizzati f'dan il-pakkett u azzjonijiet possibbli fuq livell ta' UE

<i>Il-problema</i>	<i>Rimedju possibbli</i>	<i>Għodod/azzjonijiet fuq livell ta' UE</i>
Iż-żgħażaġh qed isibuha bi tqila biex isibu posthom fis-suq tax-xogħol	Jittieħdu miżuri li jappoġġaw l-inklużjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, bħal jitheffu t-tranżizzjonijiet mill-iskola għax-xogħol, issir riforma fir-regolazzjoni tas-suq tax-xogħol/ fl-istituzzjonijiet biex dawn isiru aktar favorevoli għall-impjiegi u tiġi indirizzata s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol	Jiġu adottati u jitwettqu r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għal Pajjiżi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew (it-Taqsima III u l-Anness II tal-SWD).
Iż-żgħażaġh, l-aktar minn gruppi dgħajfa jew żvantaġġati, li jieqfu mill-iskola jew mix-xogħol; iż-żieda fil-qgħad u fl-inattività fit-tul	Jinħolqu skemi ta' garanziji għaż-żgħażaġh; jintużaw b'mod effettiv fondi tal-FSE fit-tweqqif tagħhom	Jingħata appoġġ lill-iskemi tal-Garanziji għaż-Żgħażaġħ (inkluż permezz ta' skambji tal-aqwa prattiċi; finanzjament tal-FSE) → Il-Kummissjoni qed tipproponi Rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jingħataw Garanziji għaż-Żgħażaġħ (it-Taqsima IV)

⁸ "Study on a comprehensive overview on traineeship arrangements in Member States" (Studju dwar ħarsa ġenerali komprensiva fuq l-arranġamenti għal esperjenzi ta' taħriġ fl-Istati Membri), il-Kummissjoni Ewropea 2012, u "Apprenticeship supply in the Member States of the European Union" (Il-provvista tal-apprentistat fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea), Il-Kummissjoni Ewropea 2012.

<p>It-tranżizzjonijiet iebes mill-iskola għax-xogħol</p>	<p>Tiżdied il-provvista ta' apprentistati u esperjenzi ta' taħriġ ta' kwalità</p>	<p>Jittieħdu passi deċiżivi biex l-esperjenzi ta' taħriġ u l-apprentistati jingħataw promozzjoni:</p> <p>→ Il-Kummissjoni qed tnedi t-tieni stadju ta' konsultazzjoni mas-sħab soċjali dwar Qafas ta' Kwalità għall-Esperjenzi ta' Taħriġ (it-Taqsima V.1.)</p> <p>→ Il-Kummissjoni se tistabbilixxi Alleanza Ewropea għall-Apprentistat (it-Taqsima V.2.)</p>
<p>Għadd sostanzjali ta' postijiet tax-xogħol battala b'rati għoljin ta' qgħad, u anqas tlaqqiġ ġeografiku u tal-ħiliet</p>	<p>Jitnaqqas ix-xkiel għall-mobbiltà sabiex il-kumpaniji jkunu jistgħu jingaġġaw ħaddiema, apprentisti u persuni fit-taħriġ minn pajjiżi oħra tal-UE</p>	<p>Jissaħħu l-istrumenti tal-UE għall-mobbiltà</p> <p>→ Fl-ewwel nofs tal-2013 il-Kummissjoni se tnedi konsultazzjoni mal-partijiet interessati dwar tagħlimiet li ħarġu mill-istrument eżistenti tal-mobbiltà (it-Taqsima V.3.)</p>

II. Riżultati agħar fejn jidħlu l-impjiegi għaż-żgħażaġh

Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh⁹ hija aktar mid-doppju tar-rata tal-qgħad fost l-adulti (22,7% kontra 9,2% fit-tielet kwart tal-2012) u żdiedet bil-qawwa matul l-aħħar erba' snin. It-tendenza simili ta' żieda tista' tiġi nnutata fejn jidħlu l-proporzjonijiet tal-qgħad¹⁰. Tipikament iż-żgħażaġh ikunu l-aħħar li jiġu impjegati u l-ewwel li jitkeċċew. Il-qgħad fit-tul¹¹ huwa ferm oġhla fost iż-żgħażaġh u kien qed jiżdied bl-għaġla matul il-kriżi: ir-rata żdiedet b'3,7 punti perċentwali (għal 7,3% tal-forza tax-xogħol żaġhżuġha) bejn l-2008 u l-2012, meta mqabbla ma' żieda ta' 1,8 punti perċentwali għall-adulti (sa 4,3%). Ir-rati ġenerali tal-

⁹ L-indikaturi ewlenin tal-Eurostat dwar il-Forza tax-Xogħol, dejta ta' kull tliet xhur li hija aġġustata b'mod staġonali, l-età żaġhżuġha hija definita bħala inqas minn 25 sena, l-età tal-adulti bħala akbar minn 25 sena.

¹⁰ Il-proporzjon tal-qgħad (definita bħala s-sehem taż-żgħażaġh qiegħda minn fost il-popolazzjoni kollha taż-żgħażaġh) jinkludi grupp kbir ta' inattivi prinċipalment fl-edukazzjoni f'dak il-grupp ta' età u b'hekk jista' jagħti stampa aktar sħiħa tad-daqs tal-problema tal-qgħad. Dan huwa rilevanti meta jitqabblu pajjiżi b'differenzi kbar fl-inattività fost iż-żgħażaġh (għal aktar dettalji ara l-Kapitlu 1 tar-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Impjiegi fl-Ewropa 2007).

¹¹ Il-Eurostat, l-Istatistika dwar il-Forza tax-Xogħol, dejta ta' kull tliet xhur u aġġustata b'mod mhux staġonali (lfsq_pganws) u (lfsq_upgal) għat-tieni kwart. Żgħażaġħ bejn il-15 u l-24 sena, adulti bejn il-25 u l-64 sena.

impjieg¹² għaż-żgħażaġh naqsu bi kważi ħames punti perċentwali matul l-aħħar erba' snin (minn 37,3% sa 32,8%) — tliet darbiet aktar milli huma għall-adulti.

Il-possibbiltajiet li żaġħżuġh qiegħed isib xogħol huma baxxi. Minn fost iż-żgħażaġh bejn il-15 u l-24 sena li kienu qiegħda fl-2010, 29,7% biss sabu xogħol fl-2011, tnaqqis ta' kważi 10% fi tliet snin¹³.

Meta ż-żgħażaġh isibu xogħol, hemm tendenza li l-impjieg tagħhom ikun anqas stabbli. Iż-żgħażaġh huma b'qawwa rappreżentati żżejjed f'impjieg temporanji u part-time¹⁴: fl-2012, 42,0% tal-ħaddiema żgħażaġh kienu qed jaħdmu b'kuntratt temporanju (erba' darbiet aktar milli huma l-adulti) u 32,0% kienu part-time (kważi d-doppju tar-rata tal-adulti)¹⁵. It-tfajliet huma aktar probabbli li jesperjenzaw bidu fraġli u b'mod partikolari jkunu f'qagħda fraġli d-doppju għax jgħaqqdu xogħol temporanju ma' xogħol part-time¹⁶. L-impjieg temporanji jistgħu jkunu l-għatba għal impjieg permanenti, iżda l-prevalenza tagħhom f'livelli għoljin bħal dawn toħloq tħassib ekonomiku u soċjali u turi li s-swieq tax-xogħol ma jkunux qed jiffunzjonaw sew. Iċ-ċaqliq minn kuntratt temporanju għal wieħed permanenti jista' jkun ferm aktar diffiċli f'pajjiżi b'leġiżlazzjoni stretta dwar il-ħarsien tal-impjieg u b'segmentazzjoni għolja tas-suq tax-xogħol¹⁷.

Dawk li jieqfu kmieni mill-iskola jinsabu fi grupp b'riskju għoli: Minn fost dawk li jieqfu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ fl-UE, 54,2% mhumiex impjegati u 70% jixtiequ jaħdmu. Fost dawk li jitwiellu barra l-pajjiż jew fost l-irġiel hemm aktar li jieqfu kmieni mill-iskola. Għal dawn iż-żewġ gruppi, it-tendenzi riċenti qed juru li d-distanza qed tiżdied u din se taffettwa l-prospetti tas-suq tax-xogħol tagħhom.

Ir-riżenja fost iż-żgħażaġh qed toħloq tħassib dejjem akbar: Minn fost iż-żgħażaġh inattivi, 12,4% riedu jaħdmu iżda ma kinux qed ifittxu xogħol fit-tieni kwart tal-2012¹⁸. Barra minn hekk, qed jiżdied il-persentaġġ taż-żgħażaġh li la qed jaħdmu u lanqas qed jieħdu edukazzjoni jew taħriġ (l-hekk imsejħa NEETs). Fl-2011, 12,9% taż-żgħażaġh kienu NEETs, żewġ punti perċentwali aktar minn erba' snin qabel¹⁹.

¹² Il-Eurostat, l-Istatistika dwar il-Forza tax-Xogħol, dejta ta' kull tliet xhur u aġġustata b'mod mhux staġonali (lfsq_eppqa) u (lfsq_etpga) għat-tieni kwart. Żgħażaġħ bejn il-15 u l-24 sena, adulti bejn il-25 u l-64 sena.

¹³ Id-dejta għal 13-il pajjiż Ewropew. Il-Kummissjoni Ewropea, l-Impjieg u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa (ESDE), 2012, li jmiss.

¹⁴ Ara n-nota 12 f'qiegħ il-paġna.

¹⁵ Ara n-nota 12 f'qiegħ il-paġna.

¹⁶ Kalkolu min-Netwerk Ewropew tal-Esperti dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi msejjes fuq il-modulu *Ad hoc* tal-LFS għall-2009 dwar it-tranżizzjonijiet mill-iskola għax-xogħol.

¹⁷ Fi swieq tax-xogħol binarji, sehem kbir ta' kuntratti temporanji, li fil-biċċa l-kbira minnhom jimpjegaw ħaddiema żgħażaġh, jeżisti flimkien ma' għadd ta' kuntratti miftuħa b'ħafna aktar sigurtà tal-impjieg. Id-differenzi fid-drittijiet tal-ħarsien tal-impjieg f'kuntratti permanenti u f'kuntratti għal żmien fiss ġew identifikati bħala sors ewlieni tas-segmentazzjoni.

¹⁸ Il-Eurostat, l-Istatistika dwar il-Forza tax-Xogħol, dejta ta' kull tliet xhur u aġġustata b'mod mhux staġonali (lfsq_igaww) għat-tieni kwart. Żgħażaġħ bejn il-15 u l-24 sena, ħlief dawk li wieġbu "l-ebda tweġiba".

¹⁹ Il-Eurostat, l-Istatistika dwar il-Forza tax-Xogħol, (edat_lfse_20).

It-tlaqqigħ tal-ħiliet huwa nieqes ħafna fis-suq tax-xogħol Ewropew. Ħafna ħaddiema żgħażaġh ikollhom kwalifiki formali oġhla minn dawk meħtieġa mill-impjieg li kapaċi jiksbu (under-employment), iżda fl-istess waqt il-ħiliet tagħhom huma anqas probabbli li jkunu dawk meħtieġa (ir-rata tat-tqabbil) meta mqabbla ma' ħaddiema akbar fl-e²⁰. Għalkemm b'mod ġenerali dawk b'ħiliet baxxi jsibu ma' wiċċhom l-oġhla riskju ta' qgħad²¹, iż-żgħażaġh l-aktar tas-sengħa ġarrbu l-akbar tnaqqis fl-impjieg (9,5 punti perċentwali, kważi d-doppju ta' kemm ġarrbu dawn b'ħiliet baxxi). Issa anke dawk iż-żgħażaġh l-aktar tas-sengħa qed jiġu affettwati dejjem aktar qgħad fit-tul. Dan in-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet qed ikun ta' tħassib dejjem akbar għall-kompetittività tal-industrija Ewropea u għall-abbiltà tal-UE li tlaħħaq mal-isfidi soċjetali²².

Minkejja l-kriżi, jeżistu aktar minn żewġ miljun post tax-xogħol battal, u dan ħafna drabi jiġri peress li ma jinstabux ħaddiema bil-ħiliet meħtieġa għalihom fis-suq lokali tax-xogħol. Barra minn hekk, setturi li għandhom potenzjal importanti li joħolqu x-xogħol, bħall-ekonomija ekoloġika, il-kura tas-saħħa u l-ICT, fis-snin li ġejjin se jkunu jeħtieġu numru dejjem akbar ta' ħaddiema kwalifikati. Analiżi preliminari tal-flussi għall-2011 tikkonferma li żiedet il-mobbiltà mill-pajjiżi tal-Ewropa t'isfel lejn il-pajjiżi ta' fuq, minkejja li dawn il-flussi xorta jibqgħu limitati. Il-fatturi kollha li jxekklu l-mobbiltà huma n-nuqqas ta' postijiet ta' residenza affordabbli jew in-nuqqas ta' esperjenza ta' xogħol barra mill-pajjiż, għarfien baxx tal-lingwi barranin, dwar il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż u dwar id-drittijiet tal-ħaddiema, u diffikultajiet fir-rikonoxximent tal-kwalifiki.

Minkejja b'mod ġenerali l-prospetti tal-impjieg għaż-żgħażaġh mhumiex sodisfaċenti fl-UE hemm **differenzi importanti fil-gravità tal-problema fost il-pajjiżi tal-UE**. Ir-rati tal-qgħad²³ fil-pajjiżi li sejrjn l-aġħar, huma aktar minn ħames darbiet oġhla mir-rati fil-pajjiżi li l-aktar sejrjn tajjeb. Matul l-aħħar sena, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh kibret b'aktar minn 30% f'ħafna pajjiżi u b'aktar minn 50% fil-Greċja u Spanja. Erba' pajjiżi biss kellhom rati tal-qgħad fost iż-żgħażaġh taħt il-15%.

²⁰ ESDE, 2012, li jmiss.

²¹ Dawn b'ħiliet baxxi għadhom bl-oġhla riskju ta' qgħad, u l-prospetti tagħhom x'aktarx se jmorru għall-aġħar. Skont l-aħħar tħassir tal-ħiliet minn Cedefop (<http://www.cedefop.europa.eu/EN/about-cedefop/projects/forecasting-skill-demand-and-supply/skills-forecasts.aspx>), in-numru ta' impjieg disponibbli fl-UE għal persuni b'edukazzjoni sekondarja baxxa se jerġa' jonqos l-aktar – diġà naqas minn 20,4% bejn is-sena 2000 u l-2010 — bi 18,9% bejn l-2010 u l-2020.

²² Aġġornament tal-Komunikazzjoni dwar il-Politika Industrijali — COM(2012) 582 tal-10 ta' Ottubru 2012. Pereżempju, fl-UE sal-2015 se jkun hemm sa 700 000 post tax-xogħol battal għal Prattikanti fl-informatika, ara r-Rapport għall-Kummissjoni Ewropea bl-isem "Anticipating the Evolution of the Supply and Demand of e-Skills in Europe (2010-2015)" (Nantiċipaw kif se jevolvu l-Provvista u d-Domanda tal-Ħiliet Diġitali fl-Ewropa), Empirica u IDC Europe, 2009. Tħassir aġġornat ippreżentat fil-Konferenza Ewropea dwar il-Ħiliet Diġitali, Brussell, it-13 ta' Diċembru 2011. Li jiġi indirizzat it-tlaqqigħ tal-ħiliet huwa tassew rilevanti fil-kura tas-saħħa u soċjali, kif ukoll għall-ekonomija ekoloġika.

²³ L-indikaturi ewlenin tal-Eurostat dwar il-Forza tax-Xogħol, dejta ta' kull tliet xhur li hija aġġustata b'mod staġonali, l-e²⁴ ta' zaghżuġha hija definita bħala inqas minn 25 sena.


III. L-INIZJATTIVA TA' OPPORTUNITAJIET GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, SENA WARA

Filwaqt li l-livell tal-UE qed iwettaq l-azzjonijiet tiegħu...

It-twettiq tat-18-il azzjoni fuq livell ta' UE ippjanati bl-Inizjattiva ta' Opportunitajiet għaż-Żgħażaġħ (YOI) jinsab fi stadju avanzat²⁴. L-assistenza teknika tal-Fond Soċjali Ewropew, il-Kummissjoni qed tagħmilha disponibbli sabiex tgħin ħalli jinħolqu skemi tat-tip ta' apprentistat, mobbiltà ta' taġlim transkonfinali u proġetti soċjali ta' innovazzjoni mmirati għaż-żgħażaġh. Din qed iżżid ukoll l-opportunitajiet ta' volontarjat u tiffinanzja skambji transkonfinali ta' esperjenzi ta' taħriġ u intraprenditorjali. Din tappoġġa l-mobbiltà fis-suq tax-xoġhol, notevolment b'inizjattivi bħal "L-ewwel xoġhol EURES tiegħek", u qed tanalizza l-miżuri li ttieħdu madwar l-Ewropa biex jixxejjen il-qgħad fost iż-żgħażaġh u biex jittejjbu l-edukazzjoni u t-taħriġ.

²⁴ Id-dettalji dwar l-azzjoni li diġà ttieħdet u l-passi li jmiss jistgħu jinstabu fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, SWD(2012) 406 tal-5 ta' Diċembru 2012.

Grafika 1: Ir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażaġh (bejn il-15 u l-24 sena) u kif inbidlu mas-snin, Settembru 2012



...l-Istati Membri qed jieħdu miżuri wkoll...

Ħafna Stati Membri ħadu azzjonijiet biex ikatru x-xogħol fost iż-żgħażaġh, fasslu pjanijiet għall-impjiegi taż-żgħażaġh, u żiedu l-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, anke b'rispons għaż-żjarat tal-Grupp ta' Azzjoni²⁵ u l-laqgħat bilaterali organizzati wara li tnediet il-YOI. Ħafna drabi ż-żgħażaġh qiegħda huma wieħed mill-gruppi ta' mira ewlenin li jkopru l-miżuri tal-qgħad fuq skala kbira. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni²⁶ li jakkumpanja, fih tabelli b'fatti dwar il-pajjiżi li juru l-miżuri li ħadu s-27 Stat Membru u l-Kroazja. Tipikament il-miżuri ta' appoġġ ikunu jinkludu sussidji fil-pagi, għajnuna biex jinstab impjieg, esperjenzi ta' taħriġ u aktar tagħlim, u xi drabi jkun fihom riformi biex tonqos is-segmentazzjoni fis-suq tax-xogħol. Ix-xejriet fl-apprentistati huma inqas l-istess: filwaqt li xi Stati Membri għandhom sistemi binarji tal-apprentistat li jaħdmu sew, oħrajn għandhom fil-bidu progressiv tagħhom. Qed jinfirxu miżuri li jippromwovu l-intraprenditorija fost iż-żgħażaġh u l-ftuħ ta' negozji ġodda fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri²⁷.

²⁵ Fil-laqgħa informali tal-Kunsill Ewropew tat-30 ta' Jannar 2012, il-President Barroso ppropona azzjoni pilota biex tgħin lit-tmien Stati Membri bl-ogħla livelli tal-qgħad fost iż-żgħażaġh billi terġa' talloka parti mill-fondi strutturali tal-UE allokati għalihom ħalli jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażaġh.

²⁶ SWD(2012) 406 tal-5 ta' Diċembru 2012.

²⁷ Waħda mill-karrieri possibbli għaż-żgħażaġh tista' tkun li dawn jaħdmu għal rashom, ara wkoll id-dokument *Entrepreneurship Education at School in Europe* (Edukazzjoni Intraprenditorjali fl-Iskejjel fl-Ewropa), il-Kummissjoni Ewropea, 2012.

Eżempji ta' kif intużaw il-fondi tal-FSE li reġgħu ġew allokati lill-Istati Membri fil-Grupp ta' Azzjoni²⁸:

- ES: EUR 294,2 miljun ridirezzjonati lejn azzjonijiet li jgħinu għall-impjegabbiltà taż-żgħażaġh, jgħinu s-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi (SPI) biex jiżviluppa politiki għal suq tax-xogħol attiv għaż-żgħażaġh ukoll u jerġa' jsaħħaħ miżuri li jnaqqsu l-għadd ta' dawk li jieqfu kmieni mill-iskola u jipromwovu t-taħriġ vokazzjonali.
- IT: EUR 1 biljun ridirezzjonati lejn xprun għall-edukazzjoni u l-impjiegi fir-reġjuni tan-Nofsinhar, inkluż li jiġi indirizzat l-għadd ta' dawk li jieqfu kmieni mill-iskola.
- IE: EUR 25 miljun ridirezzjonati biex jinżammu t-3 700 post ta' taħriġ għal dawk li jieqfu kmieni mill-iskola sal-aħħar tal-2013.
- LT: EUR 18,3 miljun ridirezzjonati biex jirdoppja l-għadd ta' żgħażaġh qiegħda li jgawdu minn għajjnuna diretta tal-UE matul is-sentejn li ġejjin sa 21 000.
- PT: Ittieħdet Deċiżjonijiet għal riallokazzjoni ta' EUR 143,3 miljun biex jiġi appoġġat 89 510 żgħażaġh għall-miżuri li fih il-programm "Impulso Jovem", bħal esperjenzi ta' taħriġ.
- SK: EUR 70 miljun riallokati biex joħolqu 13 000 impjieg fl-aktar reġjuni Slovakkli li fihom qgħad u li l-maġġoranza tagħhom jitħallew għaż-żgħażaġh billi jingħata rimborż parzjali għall-ispejjeż tax-xogħol.
- EL: EUR 250 miljun riallokati; qed jitħejja pjan ta' azzjoni biex jingħata taħriġ, esperjenzi ta' xogħol, u opportunitajiet ta' xogħol u intraprenditorjali lil 333 000 żaġhżuġh.
- LV: EUR 26,3 miljun mill-baġit statali biex jitwettqu attivitajiet tal-FSE dwar il-kompetittività u x-xogħol għaż-żgħażaġh.

...billi jużaw fondi mobilizzati...

Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) huwa l-istrument ewlieni li jappoġġa fuq livell ta' UE, il-miżuri tal-impjiegi taż-żgħażaġh fuq skala kbira, filwaqt li hemm programmi oħra mmirati għaż-żgħażaġh li huma appoġġati minn fondi oħra tal-UE bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). B'kollox, ġew immirati mill-anqas EUR 10 biljun għal riallokazzjoni jew biex jitwasslu malajr fit-tmien pajjiżi tal-Grupp ta' Azzjoni matul l-aħħar 12-il xahar permezz tal-YOI, li pereżempju jkopru s-sussidji għall-impjiegi, it-taħriġ vokazzjonali, u l-prevenzjoni ta' dawk li jieqfu kmieni mill-iskola. X'aktarx se jibbenefikaw mill-anqas 56 000 SME u 658 000 żaġhżuġh oħrajn minn dawn l-aġġustamenti riċenti fil-programmi ta' finanzjament.

Hemm 21 Stat Membru li diġà rridirezzjonaw ammont sinifikanti ta' riżorsi, fi ħdan u fost il-programmi operattivi tagħhom tal-FSE, il-FEŻR u/jew il-FAEŻR, lejn miżuri li jżidu l-

²⁸ Iċ-ċifri f'din it-Tabella huma proviżorji u jirriflettu l-informazzjoni kif kienet f'Novembru 2012.

impjegabbiltà tal-ħaddiema u li jegħlbu u jipprevenu l-qgħad fost iż-żgħażaġh. Bħalissa l-prijorità hija li jitwettqu bis-sħiħ il-programmi mibdula ta' finanzjament fuq livell ta' Stat Membru.

...u jfittxu jindirizzaw l-isfidi strutturali tagħhom bis-Semestru Ewropew

Is-Semestri Ewropej, u r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għal Pajjiżi (CSRs), huma għodda ta' koordinazzjoni politika li ssaħħaħ il-governanza u tkompli ssaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi fuq livell ta' UE. Dawn jipprovdu qafas għal sorveljanza multilaterali tal-politika tal-impjiegi u r-riformi strutturali u jgħinu biex l-UE toqrob lejn il-miri tagħha li għamlet fl-Istrateġija Ewropa 2020.

Fl-2012, kważi lill-Istati Membri kollha nġataw CSRs li kienu speċifikament immirati biex titjeb is-sitwazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni²⁹ li jakkumpanja, fih ħarsa ġenerali fid-dettall tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għaż-żgħażaġh³⁰.

L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT) tal-2013³¹, li jniedi s-Semestru Ewropew għall-2013, jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jaħdmu qatigħ biex jonqos il-qgħad, tiżdied l-impjegabbiltà u biex ikun appoġġat l-aċċess għall-impjiegi jew ir-ritorn lejn id-dinja tax-xogħol għaż-żgħażaġh.

IV. IKUNU ŻGURATI TRANŻAZZJONIJIET GĦAŻ-ŻGHAŻAĠH KOLLHA: GARANZIJA GĦAŻ-ŻGHAŻAĠH

Garanzija għaż-Żgħażaġħ...

Huwa meħtieġ li jsir investiment fil-kapital uman taż-żgħażaġh Ewropej ħalli tingħeleb il-kriżi qawwija li għaddejjin minnha l-impjiegi taż-żgħażaġh u ħalli dawn igawdu minn tkabbir sostenibbli u inklussiv fi żmien medju u fit-tul. Minħabba t-tranżazzjonijiet diffiċli mill-iskola għax-xogħol li jgħaddu minnhom iż-żgħażaġh, il-Kummissjoni qed issejjaħ lill-Istati Membri biex malajr jagħtu Garanzija għaż-Żgħażaġħ u qed tippreżenta proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill appoġġata minn bosta sejħiet mill-Kunsill Ewropew³².

Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ trid tingħata permezz ta' skema komprensiva u ħolistika li tiżgura li ż-żgħażaġh jirċievu offerta ta' xogħol ta' kwalità tajba, ikomplu bl-edukazzjoni, jieħdu

²⁹ SWD(2012) 406 tal-5 ta' Diċembru 2012.

³⁰ Barra minn hekk, ir-Rapport Konġunt dwar l-impjiegi (l-Anness ta' COM(2012) 750 tat-28 ta' Novembru 2012) huwa parti mill-pakkett tal-Kummissjoni biex tniEDI s-Semestru Ewropew tal-2013, li jsaħħaħ u jżid fuq l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir. Dan huwa msejjes fuq is-sitwazzjoni tal-impjiegi u soċjali fl-Ewropa, fuq it-twettiq tal-Linji Gwida għall-impjiegi, kif ukoll fuq ir-riżultati tal-eżaminazzjoni tal-pajjiż tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma li wasslu għas-CSRs tal-2012, u fuq il-valutazzjoni tat-twettiq tagħhom s'issa.

³¹ COM(2012) 750 tat-28 ta' Novembru 2012.

apprentistat jew jagħmlu esperjenza ta' taħriġ fi żmien erba' xhur wara li jieqfu mill-iskola jew li jiġu qiegħda. Dettalji dwar xi tfixxer Garanzija għaż-Żgħażaġħ, l-ispejjeż u l-benefiċċji tagħha u kif tista' tirnexxi l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ jistgħu jinstabu fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li hemm mal-Proposta ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill³³. L-annessi ta' dan id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni jsemmu l-miżuri li jappoġġaw l-impjiegi taż-żgħażaġh u li diġà qed jittieħdu fl-Istati Membri, kif ukoll eżempji ta' azzjonijiet u interventi li l-FSE jista' jappoġġa.

L-iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ trid tkun imsejsa fuq miżuri ta' appoġġ, skont sitt assi: jinbena approċċ imsejjes fuq is-sħubija, miżuri ta' intervent u attivazzjoni kmieni, miżuri li jippermettu integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, l-użu tal-Fondi Strutturali tal-UE, valutazzjoni u titjib kontinwu tal-iskema u twestiq malajr. Il-Kummissjoni tħalli f'idejn l-Istati Membri biex jiddefinixxu l-qasam istituzzjonali li fih għandha tingħata Garanzija bħal din.

...għandha kisbiet fit-tul...

Garanzija għaż-Żgħażaġħ għandha spiża fiskali. L-ispiża tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi nazzjonali u fuq il-mod kif titwaqqaf u tingħata l-iskema. Din tkun akbar f'dawk il-pajjiżi b'rati għoljin ta' NEETs jew tal-qgħad fost iż-żgħażaġh. Kemm iż-żgħażaġh idumu qiegħda se jkollu impatt, u anke l-punti ta' partenza fir-rigward tal-miżuri ta' appoġġ eżistenti (eż: ħaddiema mħarrġin mis-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi biex jindirizzaw il-ħtiġijiet taż-żgħażaġh).

Madankollu dawn l-ispejjeż jixxejnu minħabba li jiġu evitati l-ispejjeż fit-tul tal-qgħad, l-inattività u l-produttività mitlufa³⁴. Dan ifisser li se jkun hemm reddittu pożittiv mill-investment f'Garanzija għaż-Żgħażaġh³⁵. Li persuna tkun qiegħda f'età żgħira jħallilha impatt negattiv fit-tul, "effett dejjiemi" kemm fuq il-livelli tad-dħul tagħha fil-futur kif ukoll fuq ir-riskju li fil-futur tisfa' qiegħda. Skema ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ li tagħti liż-żgħażaġh opportunitajiet reali u tanġibbli, tgħinhom jevitaw li jkunu nieqsa mis-suq tax-xogħol għal tul ta' żmien u b'dannu għalihom, tippriżerva u żżid il-kapital uman tagħhom, iżżomm haġġin il-prospetti tal-impjiegi u l-karrieri tagħhom u żżid il-potenzjal tal-paga tagħhom, li huwa rilevanti għad-domanda globali u l-prestazzjoni ekonomika ġenerali fis-snin li ġejjin.

Fis-SAT tal-2013, il-Kummissjoni tqis li fejn huwa possibbli għandu jingħata prijorità lill-investimenti fl-edukazzjoni u li dawn jissaħħu, filwaqt li tkun żgurata l-effiċjenza fi nfiq bħal dan. Għandha tingħata wkoll attenzjoni partikolari li jinżammu u jissaħħu l-kopertura u l-

³² Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex tingħata Garanzija għaż-Żgħażaġħ, COM(2012) 729 tal-5 ta' Diċembru 2012.

³³ SWD(2012) 409 tal-5 ta' Diċembru 2012.

³⁴ L-ispiża annwali fl-Ewropa minħabba zghażaġh bla impjeg, li ma jkunux qed jieħdu edukazzjoni jew li ma jkunux qed jitħarrġu, bħalissa hija stmata 1,2% tal-PDG, jew EUR 153 biljun, ara: Eurofound (2012), NEETs – *Young people not in employment, education, or training: Characteristics, costs and policy responses in Europe*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

³⁵ L-investment f'Garanzija għaż-Żgħażaġħ ma jaqax taħt il-kategorija tal-formazzjoni grossa tal-kapital fiss fil-kontijiet nazzjonali.

effikaċja tas-servizzi tal-impjegi u tal-politiki għal suq tax-xogħol attiv, bħal taħriġ lil persuni qiegħda u skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ.

Jekk illum isir investment fis-sett tal-ħiliet it-tajba, iż-żgħażaġh isiru impjegabbli, jimlew il-postijiet tax-xogħol battala u joħlqu valur ekonomiku. Fid-dawl tar-riskju tal-marġinalizzazzjoni u r-riżenja, huwa meħtieġ li ż-żgħażaġh jingħataw perspettiva ħalli jibqa' jkollhom fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi, l-istrutturi governattivi u s-soċjetà.

...li l-UE se tappoġġa finanzjarjament

Dawk l-Istati Membri li qed iġarrbu l-oġhla livelli tal-qgħad, tipikament huma wkoll dawk li qed jiltaqgħu mal-akbar sfidi fejn tidħol is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi taħghom. L-UE diġà tista' tappoġġa finanzjarjament lill-Istati Membri biex iwettqu l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ permezz tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Politika ta' Koeżjoni, b'mod partikolari l-FSE. Il-Kummissjoni se thegġegħ lill-Istati Membri biex dawn u strumenti oħrajn futuri jużawhom bl-aħjar mod.

Il-proposti tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 jenfasizza r-rwol li l-FSE jaqdi bħala l-istrument ewlieni tal-UE li jinvesti fil-kapital uman. Din ipproponiet li mill-anqas 25% tal-finanzjament ta' koeżjoni futur ikun allokat lill-FSE u li mill-anqas 20% tiegħu jitħalla għall-politiki ta' inklużjoni soċjali. L-impjegi taż-żgħażaġh jistgħu jiġu indirizzati b'għadd ta' prijoritajiet tal-investment tal-FSE, u ġiet proposta attenzjoni speċifika għall-integrazzjoni sostenibbli tan-NEETs fis-suq tax-xogħol.

V. INIZJATTIVI MMIRATI TAL-UE

Apparti l-inizjattiva ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ, dan il-kapitlu jippreżenta tliet inizjattivi mmirati tal-Kummissjoni dwar l-esperjenzi ta' taħriġ ta' kwalità, dwar il-promozzjoni tal-apprentistati madwar l-UE u dwar it-tħaffif tal-mobbiltà taż-żgħażaġh.

1. Qafas ta' Kwalita għall-Esperjenzi ta' Taħriġ

L-esperjenzi ta' taħriġ jistgħu jgħinu biex tittejjeb l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh...

L-esperjenzi ta' taħriġ, maħsuba bħala żmien limitat ta' esperjenza Prattika fuq lant tax-xogħol waqt jew wara l-istudju, qed isiru ferm aktar parti mit-triq tal-karriera taż-żgħażaġh. Liż-żgħażaġh, dawn jippermettulhom iżidu l-impjegabbiltà tagħhom filwaqt li jagħtu bosta benefiċċji lill-organizzazzjonijiet li jilqgħuhom ukoll, billi jindirizzaw in-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet, jagħtu għarfien aġġornat u jheffu r-reklutaġġ tal-futur.

Il-Kummissjoni se tibqa' tagħti appoġġ finanzjarju permezz tal-FSE lill-Istati Membri li jixtiequ jtejbu s-sitwazzjoni tal-impjegi fost iż-żgħażaġh bi skemi ta' esperjenzi ta' taħriġ.

...jekk dawn ikunu ta' kwalità tajba...

Huwa kruċjali li jkun żgurat li l-perjodi tranżitorji bħal dawn li jqattgħu ż-żgħażaġh waqt l-esperjenzi ta' taħriġ, iservuhom ta' ġid u jippermettulhom jiksbu posthom sew fis-suq tax-xogħol mingħajr dewmien. Madankollu, l-esperjenzi ta' taħriġ jeħtiġilhom ikunu ta' kwalità biżżejjed kemm fejn jidħol il-kontenut tat-tagħlim kif ukoll li jkollhom kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa. Hemm ir-riskju li l-esperjenzi ta' taħriġ ikunu abbużati bħala mezz kif jiġihaddmu l-persuni bi rħis jew bla ħlas u li — minħabba li r-rwol tagħhom qed kulma jmur isir importanti f'suq tax-xogħol marsus — dawn jistgħu jwasslu għal ċirku vizzjuż ta' xogħol prekarju jew qabel kollox liż-żgħażaġh ma jħajruhom xejn milli jagħmlu esperjenzi ta' taħriġ. Proporzjon kbir tal-esperjenzi ta' taħriġ jonqoshom kontenut tat-tagħlim ta' kwalità għolja u u/jew kopertura ta' ħarsien soċjali u kumpens/rinumerazzjoni xierqa, l-aktar fejn jidħlu l-esperjenzi ta' taħriġ f'suq miftuħ³⁶. Fl-esperjenzi ta' taħriġ jidher li hemm diskrepanza fil-pagi bejn is-sessi: proporzjon aktar tan-nisa jaħdmu bla ħlas jew b'paga baxxa.

Fuq livell politiku ssemmev kemm-il darba tħassibiet dwar il-kwalità tal-esperjenzi ta' taħriġ: fl-2010 l-Parlament Ewropew sejjaħ lill-Kummissjoni biex tipproponi Karta Ewropea tal-Kwalità għat-taħriġ intern³⁷, filwaqt li l-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tagħti gwida dwar il-kundizzjonijiet għal esperjenzi ta' taħriġ ta' kwalità għolja³⁸.

...u jappoġġaw ukoll l-esperjenzi ta' taħriġ transnazzjonali

L-esperjenzi ta' taħriġ transnazzjonali joffru bosta vantaġġi, iżda xorta għadhom mhumiex mifruxin. X'aktarx in-nuqqas ta' qafas strutturat ta' kwalità u gwida jżommu lura l-iżvilupp tal-esperjenzi ta' taħriġ. L-ostakli tal-esperjenzi ta' taħriġ jinkludu n-nuqqas ta' trasparenza u n-nuqqas ta' aċċess faċli għall-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet legali u amministrattivi u d-diffikultà li jinstabu u jintgħażlu organizzazzjonijiet ospitanti. Barra minn hekk, minħabba li qed isir investiment biex persuni jitilqu minn pajjiżhom, l-ispiża ta' esperjenzi ta' taħriġ li ma jirnexxux hija oġhla għall-barranin li jridu jiġiharrġu u huwa aktar diffiċli għalihom li jbiddu l-ospitant.

Il-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi mmodernizzata d-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professionali³⁹ twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva sabiex tkopri l-esperjenzi ta' taħriġ li jsiru fi Stati Membri oħrajn. Madankollu, id-Direttiva tapplika biss għal esperjenzi ta' taħriġ li huma kundizzjoni għal aċċess ta' professjoni regolata u mhux għal esperjenzi ta' taħriġ f'suq miftuħ fejn il-problemi huma l-aktar frekwenti.

Is-sħab soċjali huma importanti biex ikunu żgurati esperjenzi ta' taħriġ ta' kwalità

³⁶ Studju dwar ħarsa ġenerali komprensiva tal-arranġamenti tal-esperjenzi ta' taħriġ fl-Istati Membri tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea (2012).

³⁷ "Promoting youth access to the labour market, strengthening trainee, internship and apprenticeship status", (Nippromwovu l-aċċess taż-żgħażaġh għas-suq tax-xogħol, insaħħu l-qagħda tat-taħriġ, it-taħriġ intern u l-apprentistati, EP 2009/2221(INI), l-14 ta' Ġunju 2010.

³⁸ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2011.

³⁹ Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-Rikonossiment ta' Kwalifiki Professionali u r-Regolament dwar kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern, COM(2011) 883 finali mid-19 ta' Diċembru 2011.

F'April tal-2012, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika⁴⁰ dwar Qafas ta' Kwalità għall-Esperjenzi ta' Taħriġ. Din il-konsultazzjoni ġiet segwita f'Settembru tal-2012 bl-ewwel stadju tal-konsultazzjoni mas-sħab soċjali. Miż-żewġ konsultazzjonijiet ħareġ qbil dwar irwol siewi li għandhom l-esperjenzi ta' taħriġ iżda ħareġ ukoll nuqqas ta' kwalità u użu ħażin u mifruż madwar l-Ewropa fejn jidħlu l-persuni li jitħarrġu, u allura huwa ċar li hemm bżonn li tittieħed azzjoni kontra dawn il-kwistjonijiet. Madankollu, m'hemmx qbil dwar l-ambitu u forma possibbli tal-azzjoni. Il-Kummissjoni issa qed tfittex kif jaħsbuha s-sħab soċjali skont l-Artikolu 154 tat-TFUE dwar il-kontenut tal-azzjoni maħsuba fuq livell ta' UE sabiex tadotta Qafas ta' Kwalità⁴¹. Il-Kummissjoni se tippreżenta il-proposta tagħha fl-2013, jekk is-sħab soċjali ma jkunux jixtiequ li jinbdew negozjati.

2. Alleanza Ewropea għall-Apprentistati

Skemi tal-apprentistat imfassla sew inaqqsu l-iskossi fit-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol...

Skemi ta' apprentistati bbażati f'kumpanija (magħrufa wkoll bħala apprentistati "binarji" jew "ta' żewġ mogħdijiet") jippermettu liż-żgħażaġh jiksbu esperjenza tax-xogħol u ħiliet prattiċi permezz ta' kuntratt tax-xogħol f'kumpanija, kif ukoll l-għarfien teoretiku li ħafna drabi jingħata minn istituzzjoni edukattiva. Minn uħud mill-Istati Membri joħorġu eżempji tajbin dwar kif l-iskemi tal-apprentistat jistgħu jintużaw b'mod ottimu ħalli t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol issir mingħajr skossi.

Il-bżonn li jitjiebu l-forniment u l-kwalità tal-apprentistati huwa mifruż: fl-2012, il-Kunsill ta CSRs lil seba' Stati Membri dwar l-apprentistati u lil tlieta dwar it-taħriġ vokazzjonali. Anke fl-Istati Membri l-oħra, hemm bosta x'jista' jsir biex jitjieb il-funzjonament tas-sistemi tal-apprentistat u sabiex il-finanzjament tal-FSE jistuża aħjar għal dan l-iskop.

Il-fatturi għala l-iskemi tal-apprentistat irnexxew jistgħu jinġabru fi tliet gruppi ewlenin. L-ewwel nett, waħda mir-raġunijiet għalfejn jirnexxew l-apprentistati hija s-sħubijiet effettivi li jinħolqu bejn l-iskejjel/istituzzjonijiet tat-taħriġ u l-edukazzjoni vokazzjonali (VET) u l-kumpaniji. L-iskejjel VET jeħtiġilhom joperaw f'networks man-negozji lokali. B'mod aktar wiesa', huwa meħtieġ li s-sħab soċjali jkunu involuti mill-qrib sabiex ikun żgurat li l-apprentistati jibqgħu aġġornati maż-żminijiet ħalli l-ħiliet mgħallma jkunu jixhdu l-ħtiġijiet. L-istandards tat-taħriġ/xogħol jeħtieġ li jkunu riveduti u aġġornati ta' sikwit u li s-sħab soċjali jkollhom ċans jagħtu sehemhom. It-tieni nett, kemm il-kwalifiki miksuba kif ukoll il-proċess tat-tagħlim għandhom ikunu ta' kwalità għolja sabiex jisfruttaw il-potenzjal kollu tal-apprentistat u jiżguraw li dan il-mudell ikun meqjus bħala mogħdija siewja tat-tagħlim, li jista' jkun trasferit b'mod transkonfinali, u bieb miftuħ beraħ għal impjegi ta' ħila. It-tielet nett, l-apprentistati għandhom ikunu integrati sew fis-sistema nazzjonali jew reġjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ u bbażati fuq qafas regolatorju ċar. Dan tal-aħħar għandu jiċċara r-responsabbiltajiet, id-drittijiet u l-obbligi ta' kull parti involuta u jipromwovi l-kollaborazzjoni u l-impenn minn firxa wiesgħa ta' partijiet interessati. Fl-aħħar nett, għandu

⁴⁰ SWD(2012) 99 tat-18 ta' April 2012.

⁴¹ COM(2012) 728 tal-5.12.2012.

jkun enfasizzat li partikolament iż-żgħażaġh li haġru mill-edukazzjoni, jew huma fir-riskju li jiġrilhom hekk, jeħtieġu appoġġ biex jibdedu l-apprentistat.

...jeħtieġu l-impenn tal-impjegaturi...

Governanza tajba tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol timplika li jkollok proporzjon tal-kostbenefiċċju li jħeġġeġ lill-impjegaturi biex jieħdu sehem. Pajjiż jista' jkollu biss it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol jekk il-kumpaniji jaqblu ma' dal-kunċett u joffri postijiet tal-apprentistat, kollokamenti għall-istudenti jew jikkoperaw mal-iskejjel.

Il-qafas regolatorju għandu jiżgura inċentivi xierqa għall-impjegaturi biex joffri postijiet biżżejjed tal-apprentistat. Dan għandu jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs li jiltaqgħu ma' sfidi partikolari u għandhom riżorsi limitati. L-inċentivi jistgħu jkunu finanzjarji bħal benefiċċji tat-taxxa, sussidji jew oħrajn, iżda jistgħu jkunu mhux finanzjarji bħal aċċess għal ċerti servizzi ta' appoġġ pereżempju l-għajnuna li tingħata lill-kumpaniji biex jilqgħu l-apprentisti. F'dan il-kuntest, l-appoġġ tal-FEŻR għall-SMEs jista' jkollu effett pożittiv.

L-appoġġ għall-apprentistati, apparti li huwa mezz privileġġat kif il-kandidati potenzjali jkunu osservati qabel reklutaġġi ġodda, dan johlq ġid ekonomiku usa' fit-tul u fl-istess waqt jesprimi r-responsabbiltà soċjali.

...u jistgħu jiġu appoġġati mill-ingranaġġ tal-UE

Minkejja li hemm bżonn jitjiebu l-kwalità u l-forniment tal-apprentistati mingħajr dewmien u li tiġi appoġġata l-koperazzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-VET, il-Kummissjoni se toħloq Alleanza Ewropea għall-Apprentistati. Il-Kummissjoni diġà qed tagħraf li koperazzjoni tajba bejn il-partijiet interessati hija essenzjali sabiex jirnexxu inizjattivi bħal dawn⁴². Din l-alleanza se tiġbor partijiet interessati minn awtoritajiet, negozji u msieħba soċjali, riċerkaturi tal-VET u Prattikanti, u rappreżentanti taż-żgħażaġh. Tkun ġabra waħda komuni ta' bosta azzjonijiet li qed jittieħdu u tippromwovi l-benefiċċji u modi ta' skemi tal-apprentistat li rmxew u modi kif dawn jistgħu jinbnew. L-alleanza tgħin ukoll biex jinħolqu kurrikuli komuni tat-taħriġ binarju għal bosta professjonisti, tħeffef ir-rikonossiment tal-apprentistati li jittieħdu barra mill-pajjiż u tippromwovi qafas regolatorju xieraq.

Fil-kuntest ta' din l-alleanza, il-Kummissjoni se tippromwovi wkoll sħubijiet nazzjonali biex ikun żviluppat it-tagħlim binarju. Dawn għandhom iqarrbu r-rappreżentanti tan-negozji, l-awtoritajiet responsabbli mill-edukazzjoni u x-xogħol, awtoritajiet li jmexxu l-FSE u s-sħab soċjali sabiex jaraw kif jista' jissaħħaħ ir-rwol tal-apprentistati fis-suq tax-xogħol u s-sistema edukattiva tal-Istati Membri u kif l-allokazzjonijiet nazzjonali tal-FSE jistgħu jintużaw fit-tfassil u t-twettiq tas-sistemi tat-tagħlim binarju.

⁴² COM(2012) 669 tal-20 ta' Novembru 2012.

Attivitajiet simili għall-Alleanza għall-Apprentistati diġà qed isiru fuq livell settorjali. Qed tiffirma alleanza fuq livell ta' UE fis-settur tal-ICT⁴³.

3. Mobbiltà għaż-żgħażaġh

Żieda fil-mobbiltà toffri aktar opportunitajiet tax-xogħol...

Id-differenzi sostanzjali li jeżistu bejn il-livelli tal-qgħad fost iż-żgħażaġh, kif ukoll iż-żieda fir-rati tal-postijiet tax-xogħol battala fi wħud mill-Istati Membri, jenfasizzaw li l-mobbiltà intra-UE tista' tagħti aċċess liż-żgħażaġh għal aktar opportunitajiet tax-xogħol. Esperjenzi ta' taħriġ u apprentistati transnazzjonali joffru bosta vantaġġi f'dan ir-rigward, u jagħtu l-possibbiltà li jkun pruvat xogħol f'pajjiż ieħor mingħajr ir-rabta immedjata ta' xogħol fit-tul. Madankollu, s'issa dawn għandhom mhumiex mifruxa. Dan kollu jikkuntrasta b'mod dirett mal-fatt li ż-żgħażaġh ġeneralment juru li huma miftuħin għall-mobbiltà, u mas-suċċess li għamlu l-programmi mmirati għal studju barra mill-pajjiż bħal Erasmus u Leonardo.

...li l-istrumenti tal-UE qed jappoġġaw...

Id-deċiżjoni riċenti tal-EURES⁴⁴ li tbiddel in-netwerk Ewropew tal-impjiegi fi strument multi-orjentat tat-tlaqqiġh u l-kollokament, għandha rilevanza diretta għaż-żgħażaġh, peress li notevolment tista' titwessa' biex tkopri apprentistati u esperjenzi ta' taħriġ li huma relatati max-xogħol. Madankollu, il-Kummissjoni beħsiebha tiżviluppa aktar l-inizjattiva tagħha "L-ewwel xogħol EURES tiegħek" sabiex tgħin liċ-ċittadini tal-UE li għandhom bejn it-18 u t-30 sena ħalli jsibu xogħol fi Stat Membru ieħor. L-iskema tħallat servizzi personalizzati ta' tlaqqiġh tal-impjiegi u kolloment tax-xogħol b'inċentivi finanzjarji tal-UE (għotjiet għall-ispejjeż tal-vjaġġ għall-intervista tax-xogħol, it-taħriġ qabel l-impjieg, u attivitajiet għal integrazzjoni fuq ix-xogħol). Il-Kummissjoni se tibni fuq dan kollu billi tniedi inizjattiva għal Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi fl-2013 sabiex ittejjeb il-funzjonament tas-suq tax-xogħol Ewropew. Servizzi bħal dawn jistgħu jissejġu ħalli jaqdu rwol akbar biex ikunu sfruttati l-opportunitajiet kollha tax-xogħol li jistgħu jinħolqu b'mobbiltà intra-UE tal-ħaddiema u biex ikunu żgurati l-prospetti tax-xogħol taċ-ċittadini tal-UE, l-aktar iż-żgħażaġh. Dan jagħmel is-suq tax-xogħol Ewropew aktar effiċjenti billi jnaqqas ir-riskju ta' aktar nuqqas ta' tlaqqiġh, u se tgħin biex ikunu indirizzati n-nuqqasijiet futuri tal-ħaddiema u l-ħiliet.

...iżda teħtieġ aktar sforzi

Madankollu, minħabba li l-isfida urġenti tal-qgħad fost iż-żgħażaġh, huma essenzjali li jsiru aktar sforzi. Il-Kummissjoni ssejjaħ lill-Awtorità Baġitarja tal-UE biex tiżgura li mill-2013 'il quddiem ikunu disponibbli r-riżorsi xierqa sabiex tibqa' tappoġġa skemi ta' mobbiltà bħal

⁴³ "Grand Coalition for ICT Jobs", (Koalizzjoni Wiesgħa għal Impjiegi fl-ICT) għandha l-għan li tiffederizza l-impartijiet interessati sabiex jindirizzaw dak li hemm nieqes u n-nuqqas ta' tlaqqiġh tal-ħiliet li hemm fis-suq tax-xogħol tal-professjonisti fl-ICT.

⁴⁴ C(2012) 8548 tas-26 ta' Novembru 2012.

"L-ewwel xogħol EURES tiegħek" u lis-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi (SPI) tal-Istati Membri sabiex tibqa' tiżviluppa programmi bbażati fuq il-EURES u tintegrahom fil-ħidma normali tagħhom.

L-iżvilupp ta' azzjonijiet aktar immirati u individwalizzati għal kull min qed ifittex xogħol, inkluż iż-żgħażaġh, irid ikun prijorità fil-futur qarib. Fl-2013 il-Kummissjoni se tqis, bħala parti mill-assi futur tal-EURES tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla u l-Innovazzjoni Soċjali, il-vijabbiltà ta' programm usa' tal-EURES għall-impjiegi taż-żgħażaġh għal dan l-iskop, li jibni fuq l-esperjenza miksuba mill-inizjattiva "L-ewwel xogħol EURES tiegħek" u fl-edukazzjoni (Erasmus, Leonardo da Vinci). Dan ikun jista' jgħin liż-żgħażaġh biex isibu u jaċċettaw impjiegi, esperjenzi ta' xogħol, apprentistati u esperjenzi ta' taħriġ fi Stat Membru ieħor⁴⁵.

VI. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Minkejja li saru għadd ta' sforzi fuq livell ta' UE u nazzjonali, il-prospetti tal-impjiegi għaż-żgħażaġh Ewropew komplew imorru għall-agħar matul is-sena li għaddiet. Hemm bżonn urġenti ta' rispons aktar b'saħħtu. Din il-komunikazzjoni tispjega l-analiżi li l-Kummissjoni għamlet tas-sitwazzjoni u tagħti ħarsa ġenerali ta' x'jista' jsir bl-istrument tal-politika tal-impjiegi fuq livell ta' UE u ta' Stat Membru biex tissolva s-sitwazzjoni. Trid tittieħed azzjoni kollettiva li tibni sħubijiet b'saħħithom ta' fiduċja fil-partijiet interessati kollha, sija jekk huma servizzi tal-impjiegi, fornituri tal-edukazzjoni, sħab soċjali, impjegaturi jew organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh. Dil-kwistjoni hija dwar il-futur ekonomiku u soċjali Ewropew.

Il-Kummissjoni:

- tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jadottaw mingħajr dewmien il-proposta għal Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill biex tingħata Garanzija għaż-Żgħażaġħ, li tkun parti minn dan il-pakkett, u biex matul l-2013 idañhlu l-iskema tagħhom ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ;
- issejjaħ lis-sħab soċjali biex jaħdmu għal Qafas ta' Kwalità għall-Esperjenzi ta' Taħriġ sabiex ikun żgurat li l-esperjenzi ta' taħriġ jagħtu liż-żgħażaġh esperjenza tax-xogħol ta' kwalità u b'kundizzjonijiet sikuri;
- se toħloq Alleanza Ewropea għall-Apprentistati biex ittejjeb il-kwalità u l-forniment tal-apprentistati u biex tippromwovi s-sħubijiet nazzjonali għal sistemi binarji ta' taħriġ vokazzjonali; u
- matul l-ewwel nofs tal-2013, se tniedi konsultazzjoni mal-partijiet interessati biex jinħoloq programm tal-EURES għall-impjiegi taż-żgħażaġh, u se tippreżenta

⁴⁵ Il-Kummissjoni beħsiebha tippreżenta wkoll inizjattiva tal-Karta "Żgħażaġħ f'Moviment" biex tappoġġa l-mobbiltà taż-żgħażaġh.

inizjattiva sabiex l-istrumenti tal-mobbiltà tal-UE, il-finanzjament u l-governanza jkollhom bażi aktar strutturali, proporzjonata mal-importanza tagħhom.